MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1895/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Autovend Co. Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjetal konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' mija u erbatax il-lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm114.92) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta lis-socjeta attrici skond Client Contract Number 05217 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2002 u Frar 2003.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-koonvenut, inluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbatax il-lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm114.92), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-Avviz u dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------